

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla Estiża) tal-10 ta' Ġunju 2009 —
Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-258/04)

“Rikors għal annullament — Miżuri tranżitorji li għandhom jiġu adottati minħabba l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda — Regolament (KE) Nru 60/2004 li jistabbilixxi miżuri tranżitorji fis-settur taz-zokkor — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Dewmien — Inammissibbiltà”

Proċedura — Termini għall-preżentata ta' rikors — Dekadenza — Rikors kontra regolament adottat taħt l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 minn Stat firmatarju ta' dan l-att li għadu mhuwiew Stat Membru — Nuqqas ta' effett — Terminu applikabbli fil-kwalità tiegħu bħala persuna ġuridika (ir-raba' u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 230 KE; Att ta' Adeżjoni tal-2003) (ara l-punti 40-71)

Suġġett

Annulament tal-Artikoli 5, 6(1) sa (3), 7(1) u 8(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 60/2004, tal-14 ta' Jannar 2004, li jistabbilixxi miżuri transitorji fis-settur taz-zokkor bħala riżultat tad-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja [fl-Unjoni Ewropea] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 42, p. 25).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

3) Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Ġunju 2009 —
ArchIMEDES vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-396/05 u T-397/05)

“Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt li jirrigwarda proġett ta' tiġdid ta' numru ta' immobbli urbani — Rimbors ta' parti mis-somom imħallsa bil-quddiem — Talba għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma rimanenti — Talba incidental tal-Kummissjoni — Rikors għal annullament — Deċiżjoni ta' rkupru — Nota ta' debitu — Atti ta' natura kuntrattwali — Inammissibbiltà — Tpaċija ta' djun”

1. *Rikors għal annullament — Rikors li fil-verità jirrigwarda kwistjoni ta' natura kuntrattwali — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti Komunitarja — Inammissibbiltà (Artikoli 230 KE, 238 KE, 240 KE u 249 KE) (ara l-punti 54, 55)*
2. *Proċedura — Intervent furzat — Talba bbażata fuq il-prinċipji komuni għar-regoli proċedurali tal-Istati Membri — Assenza ta' lakuna tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-qasam tal-istatus proċedurali ta' terzi — Inammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikoli 115 u 123) (ara l-punti 70-72)*
3. *Proċedura — Kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt li jaġhti sostenn finanzjarju Komunitarju għat-twettiq ta' proġett ta' tiġdid ta' numru ta' immobbli urbani — Xoljiment unilaterali tal-kuntratt mill-Kummissjoni (Artikolu 238 KE) (ara l-punti 80-82, 90-99, 103-109, 113-122)*